# 'L HAWN U 'L HINN FIL-BIEDJA

## Kuntratti għat-Tadam

META wieħed iħares ħarsa lura lejn l-istaġun, kull min ikkultiva xi prodott ta' ħxejjex għandu għalfejn jifraħ jew għallinqas ma jgergirx. Tassew li kien hemm fiex wieħed tqarraq u ma ħax dak li kien jistenna—difatti, il-wiċċ tal-patata ma tantx iffavorih it-temp u l-uħida ta' l-uċuħ bikrija kienet iktarx skarsa. Il-patata mwaħħra, madankollu, turi li minnha sa jkollna xi ħaġa aħjar. Imħabba l-irjieħ kiesħa li kellna f'nofs April xi wċuħ, bħalma huma t-tuffieħ tadam bikri, damu iżjed ma laħqu, iżda l-biċċa l-kbira ta' l-għelieqi jidħru li għandhom prodott sabiħ. Is-sistema tal-kuntratti tal-bdiewa mad-Dipartiment tal-Biedja għat-tuffieħ tadam ġiet milqugħa wisq tajjeb u hemm numru sabiħ ta' kuntratti li qegħdin isiru mill-bdiewa. Dan ifisser li sa jkun hemm numru kbir ta' bdiewa—jiġifieri ta' bdiewa għaqlin—li sa jiżguraw minn qabel prezzijiet tajba għal biċċa l-kbira ta' l-uċuħ tagħhom. Dawk li ma ndaħlux għal dawn l-appalti jkollhom iktarx jikkuntentaw ruħhom li jbigħu l-prodott tagħhom bi prezzijiet baxxi, kemm-il-darba jkun hemm tuffieħ tadam bix-xaba', kif, ħaġa żgħira li jista' jkun hemm f'Awissu. B'danakollu, dawk il-bdiewa li jkunu ikkuntrattaw mal-Gvern ikomplu jdaħħlu l-prezz sħiħ għall-prodott tagħhom sa dik il-kwantità li huma jkunu ftiehmu li għandhom jikkultivaw b'kuntratt.

## Kuntratti għall-Kaboċċi Mfelfla

Xi bdiewa li jilħqilhom fehmuha tajjeb kemm ifendilhom li jiftiehmu mal-Gvern għall-appalt tal-prodotti tagħhom u għalhekk ikkuntrattaw li għandhom ukoll jikkultivaw uċuħ ta' Kaboċċi Mfelfla (Savoy).

Sa titqassam kwantità speċjali ta' 50 ratal ta' Sulfat ta' l-Ammonja għal kull tomna raba' lil dawk il-bdiewa kollha li jikkuntrattaw għall-koltivazzjoni u appalt ta' Kaboċċi Mfelfla. Dan id-demel artifiċjali għandu jagħmel effett qawwi fuq il-prodott. Dawk il-bdiewa li jixtiequ jikkultivaw minn din il-Kaboċċi għandhom ikunu jafu illi fil-Qasam tal-Gvern tal-Għammieri hemm kwantitajiet kbar ta' xtieli għall-bejgħ.

## Id-Dudu tal-Farfett tal-Kromb

Saru ħafna sperimenti biex wieħed isib xi mezz li jeqred id-dudu tal-farfett abjad tal-kromb. Fil-waqt li bħalissa ma hemm ebda mezz żgur biex trażżan dan id-dud fuq pjanti tal-kromb li jkunu laħqu kibru, wieħed jista' jirnexxilu mhux ftit biex jeħles mill-ħsara li jista' jagħmel dan meta x-xtieli jkunu għadhom fil-ħammiela. Bixx il-ħmiemel għal bosta drabi bis-sulfat tan-nikotina mħallat bl-"Agral", sustanza li bis-saħħa tagħha t-taħlita li tbixx biha tinfirex sewwa u teħel mal-weraq. Dan il-bexx huwa ta' għajnuna kbira biex inaqqas il-qilla ta' dan il-mess ta' dud fuq ix-xtieli. Dawk il-bdiewa li jixtiequ jużaw dan il-bexx jistgħu jiksbu minnu, kif ukoll pariri kif tużah, minn għand l-Uffiċjal Distrettwali, jew minn għand il-Patologu tal-Pjanti fl-Uffiċċju tal-Biedja, il-Ħamrun.

## Prezzijiet

Id-diskors fost il-bdiewa dejjem jaqa' fuq l-istess ħwejjeġ—mhux biss hawn Malta, iżda f'kull pajjiż tad-dinja—fuq it-temp u fuq il-prezzijiet, l-iktar f'pajjiż li l-oġġetti ta' l-ikel jiġuħ, il-biċċa l-kbira, bil-baħar minn barra. Dak li ma jistgħux jifhmu xi nies tar-raba' huwa l-għala l-Gvern ma jħallihomx jikkultivaw dawk l-uċuħ li jixtiequ huma. Xi bdiewa jirraġunaw b'dan il-mod: *"Kieku ma kenitx ħaġa ta' bil-fors li niżra' nofs ir-raba' tiegħi bi qmuħ, jien kont inkun nista' nikkultiva iżjed ħaxix li jġib iżjed prezz tajjeb u b'hekk naqla' iżjed."* L-ewwelnett dan mhux minnu għalkollox, u t-tieni dana disgrazzjatament ma jistax isir fi żmien il-gwerra. Issa, naraw x'jiġri jekk, flok ma jiżirgħu nofs ir-raba' tagħhom bil-qmuħ, eluf ta' bdiewa jikkultivaw il-ħaxix.—L-ewwel ma jiġri huwa illi l-ħaxix ma jkunx iġib dak il-prezz għoli li jippretendu xi bdiewa, il-għaliex jiġi żmien illi s-suq jifga bil-ħaxix ta' l-staġun u l-prezzijiet tarahom imbagħad jinżlu u jibqgħu jinżlu sakemm wiċċ ta' tomna raba' ta' ħaxix ikun wisq inqas mill-prezz tal-qmuħ. Dan, ma għandna x'ingħidu xejn, huwa naħa waħda ta' din il-kwistjoni.

## Sakrifiċċji għall-Gwerra

Hemm imbagħad ħwejjeġ iżjed importanti minn dan li għidna. Fi żmien il-gwerra l-ġid tan-nazzjon għandu jiġi qabel kull interess u qligħ persunali. Miljuni ta' nies, mad-dinja kollha, kellhom iħallu l-kumdità ta' djarhom u l-familji tagħhom, jitilqu minn xogħlijiet u impiegi tajba u jagħilqu n-negozju li minnhom kienu jaqilgħu l-flus, u jingaġġaw f'xi servizz tal-gwerra bi ħlas ta' ftit xelini fil-ġimgħa. Iżda l-bdiewa huma pprivileġġjati kullimkien. Lil dawn il-Gvern iħallihom id-dar biex jikkultivaw fiż-żgur u bil-kwiet tagħhom l-egħlieqi tagħhom u biex jagħmlu iżjed flus minn sħabhom li huma inqas iffortunati u li kellhom jingaġġaw f'xi waħda mill-Forzi Armati—iżjed flus u fil-wisa' milli kienu jagħmlu fi żmien il-paċi. Il-kwistjoni jekk wieħed għandux iħallihom jikkultivaw iżjed minn ħaġa jew minn oħra hija, għalhekk, kwistjoni ċkejkna ħafna fejn dik ta' bniedem ieħor li kellu negozju kbir u kellu jħallih jew iwellih biex imur jingaġġa fis-Servizzi tal-gwerra. L-istess ġara fin-negozju komuni ta' fabbriki, u kulħadd tarah jilqa' kollox bis-sabar, il-għaliex hemm bżonn li jieħu sehem u jiġġieled sabiex il-gwerra tintrebaħ.

Dawk il-fabbrikanti li fi żmien il-paċi kienu jaħdmu oġġetti tal-lussu li jqunu l-flus—bħal arloġġi tad-deheb u x'naf jien—li huma kienu jbigħu bi prezzijiet għolja, issa kellhom imiddu għonqhom għal xogħol ieħor u jaħdmu oġġetti oħra li tant għandna bżonnhom, bħalma huma bċejjeċ ta' ajruplani "Spitfires" biex bihom inkeċċu l-għadu minn fuq Malta jew bċejjeċ ta' bastimenti biex iwasslulna l-oġġetti ta' l-ikel. Dawn in-nies tarahom jilqgħu bil-ferħ dawn is-sakrifiċċji billi jafu li aktar ma nagħmlu sforzi kbar *issa*, jiswewlna kemm jistgħu jiswewlna dawn l-isforzi, il-gwerra aktar tintrebaħ malajr. Il-bdiewa f'Malta qegħdin, tista' tgħid, fl-istess posizzjoni tal-fabbrikanti fl-Ingilterra, fil-Kanada, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika jew fl-Awstralja. Il-bċejjeċ ta' l-ajruplani "Spitfires" jistgħu jixxebhu mal-qmuħ—l-arloġġi tad-deheb jistgħu jixxebhu mal-ħaxix bi prezzijiet għolja. Aħna għandna bżonn ta' qmuħ il-għaliex aħna f'nofs ta' gwerra li għandha tintrebaħ il-għaliex jekk ma tintrebaħx, ma jkollniex iżjed arloġġi tad-deheb għal Malta jew għall-Imperu Ingliż.

Fi żmien il-gwerra wieħed ikollu jsofri bosta sagrifiċċji, u ħadd ma għandu jħares lejn id-dwejjaq li jkollna mingħajr ma jiftakar li aħna ninsabu fi gwerra u li għalhekk jaqbel li aħna fiha nagħmlu sehemna biex noħorġu bl-unur. Niftakru tajjeb li dak li jsir fi gwerra jibqa' msemmi fl-Istorja. Nisimgħu, immela, minn min iridilna l-ġid u mhux minn x'uħud li jaħsbu biss fihom infushom u li x-xewqa tagħhom hi, forsi, dik li jaqilgħu l-inkwiet bejnietna! Naħdmu u nirsistu għar-rebħa u noqogħdu attenti li ma ntebbgħux l-isem sabiħ li għamilna għal xi bluha ta' rasna.

**"IL-BIDWI" GĦALL-BDIEWA!**

**Dawk il-bdiewa li jafu jaqraw, jew għandhom xi ħadd fil-familja li jaf jaqra, u jixtiequ li jiksbu kopja ta' "IL-BIDWI" b'xejn meta jerġa' jiżdied il-għadd tal-ħarġa tiegħu għandhom jiktbu lill-Editur, "Il-Bidwi", Uffiċċju tal-Biedja, il-Ħamrun.**

**Dawk il-bdiewa li wara li jaqraw "IL-BIDWI" ma jerfgħuhx, huma mitlubin inewluh lill-Bdiewa sħabhom li minnu jistgħu jkunu jafu ħafna ħwejjeġ meħtieġa għas-sengħa tagħhom u għall-ġid tagħhom.**

